MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 353/2011

**ABC**

**vs**

**AE**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar id-9 ta’ Awwissu 2008, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom, illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. RG1,** u minn dan iz-zwieg twield tifel wiehed N nhar il-5 ta’ Lulju 2010, u dana skond ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid relattiv, illi kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. RG2**;

2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, ossia sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid, offizi gravi u adulterju kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu, kif ukoll minhabba inkompatibilita` serja ta' karattri b'dan illi l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli;

3. Illi l-konvenut ilu jintrattjeni relazzjoni adultera, sahansitra sa minn qabel ma l-partijiet isseparaw *de facto* f'Lulju 2011, u dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-attrici kienet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 25 ta' Ottubru 2011, illi kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala **Dok. RG3**;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-attrici.

**A. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

6. Il-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi, u jinghataw id-dispozizzjonijiet kollha sussegwenti necessarji u ancillari.

**B. TALBIET ATTRICI**

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi u imputabbli lill- konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Luca Cassar lill-attrici, bi dritt ta' access ghall-konvenut kif jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tiffissa r-retta alimentari xierqa pagabbli mill-konvenut favur l-attrici bhala manteniment ghall-minuri Luca Cassar, wara illi tapplika wkoll il-provvedimenti ta' l-**Artikoli 3B(2)(a)** u **54(4)** tal-**Kodici Civili**, liema manteniment ghandu jkun soggett ukoll ghall-awment annwu skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja, u ghandu jigi mnaqqas direttament mill-paga, salarju jew beneficcju iehor illi jista' jkun qieghed jircievi l-konvenut minn zmien ghal zmien;

4. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut iddekada minn sehmu fil-Komunjoni ta' l-Akkwisti, u konsegwentement tapplika l-effetti ta' l-**Artikolu 48** *et seq.* tal-**Kodici Civili** kontra l-istess konvenut u favur l-attrici, u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-**Artikoli 631** u **633** tal-**Kodici Civili**, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni, bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg, jew b'titolu iehor gratuwitu, minghand l-attrici, illi ghalhekk ghandu jigi ritornat lilha, u tiddikjara inoltre illi l-konvenut tilef ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara d-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-konvenut irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici, u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-**Artkolu 3** tal-**Kodici Civili**. Inoltre, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attrici;

6. Prevja kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Ligi, tassenja d-dar matrimonjali tal-kontendenti, ossia l-fond bl-isem “Moonlight”, Hofra ta' Ritz, limiti tar-Rabat, Malta illi huwa proprjeta` parafernali ta' l-attrici u illi l-konvenut ilu illi vvaka minn Lulju 2011, lill-attrici, u tawtorizzaha illi tghix fl-istess ad eskluzjoni tal-konvenut, ukoll bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 55A** tal-**Kodici Civili**;

7. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-Komunjoni ta’ l-Akkwisti, f’zewg ishma illi, in segwitu ghat-talbiet precedenti, ma jkunux ugwali, u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini ta’ l-istess;

8. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u/jew il-valur ta’ l-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv ta’ l-istess jekk ikun il-kaz;

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

10. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha ossia A.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut illi jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut ma pprezentax risposta guramentata u b’hekk huwa kontumaci;

Rat illi l-kawza hija differita ghallum ghal sentenza dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja tal-konvenut;

Illi il-Qorti tinnota li l-intimat AE gie debitament notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti nhar il-25 ta’ Jannar 2012 u dan kif jirrizulta mir-referta esebita in atti a fol 66 tal-process, liema referta turi li l-istess rikors guramentat inghata lill-intimat personalment. Il-Qorti tinnota wkoll li l-intimat ma prezentax ir-risposta guramentata tieghu fit-terminu ta’ ghoxrin gurnata stipulati mil-ligi izda waqt l-udjenza tad-29 ta’ Frar 2012, l-intimat iddikjara li huwa kellu kull intenzjoni li jiggustifika l-kontumacja tieghu abbazi tal-fatt li, peress li r-rikorrenti kienet issekwestrat flus l-istess intimat, hu ma kienx f’posizzjoni li jipprezenta r-risposta guramentata tieghu.

Illi il-Qorti taghmel referenza ghan-nota prezentata in atti mir-rikorrenti nhar it-12 ta' Marzu 2012 u li permezz taghha turi li fil-fatt, kien l-intimat li ntavola zewg mandati kontra terzi, u cioe' kontra l-konjugi AE u AB filwaqt li dawn tal-ahhar intavolaw mandat kontra l-intimat ghall-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro (€2329) bhala penali imposta fuq l-intimat, hekk kif jirrizulta mid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datat it-12 ta' Dicembru 2011 (ara a fol 80 tal-process) flimkien mal-ispejjez li l-istess konjugi A nkorrew abbazi tal-istess mandati intavolati kontrihom mill-intimat.

Illi il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax ma tirrilevax li kontrarjament ghal dak li sostna l-intimat fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, ma kienitx ir-rikorrenti martu li ghamlet il-mandati ta' sekwestru kontrih, izda kien hu li inizjalment ghamel mandati kontra terzi (u cioe' l-konjugi A) u li fuq kollox, bhala konsegwenza diretta tal-istess mandati intavolati minnu, l-konjugi A intavolaw il-mandat ta' sekwestru taghhom abbazi ta' titolu ezekuttiv. Zgur li l-ammont sekwestrat ma jistax ikun attribwibbli ghar-rikorrenti, ghalkemm din tal-ahhar hija fattwalment bint l-imsemmija konjugi A. Dan qieghed jinghad ghaliex, minkejja li l-imsemmija kojugi A huma l-genituri tar-rikorrenti, din tal-ahhar hija persuna individwali u separata minn ommha u missierha u ghalhekk, l-argument tal-intimat fis-sens li kienet martu stess li intavolat is-sekwestru kontrih zgur li ma jistax jigi akkolt.

Illi matul it-trattazzjoni ta' din it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-intimat, jissemma cekk ta' €2085 li allegatament intuza mill-intimat sabiex jithallas id-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, izda l-konsulent legali tal-istess intimat  targumenta li dan ic-cekk m'ghandu ebda rilevanza f'dan l-istadju *stante* li huwa gie fil-pussess tieghu wara li kien diga' ghadda t-terminu ta' ghoxrin gurnata sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu, izda il-Qorti m'ghandha ebda prova dwar dan ic-*cheque* jew dwar id-data li kellu u ghalhekk ma tistax tibbaza d-decizjoni taghha abbazi ta' *cheque* li allegatament intuza ghad-dejn tal-komunjoni ghaliex dak li huwa importanti f'dan l-istadju hija d-data ta' dan l-imsemmi *cheque* li

tidher li hija mankanti mill-atti. Huwa pjuttost inutili li il-Qorti tidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-intimat hallasx xi dejn dovut lis-socjeta' Intercomp permezz ta' dan ic-cekk ghaliex fl-ewwel lok, ma hemm ebda prova dwar id-data ta' dan ic-*cheque* u fit-tieni lok ghaliex ix-xhud Melanie Bugeja, bhala rapprezentanta ta' Intercomp, tiddikjara li l-ahhar pagament li sar mill-intimat kien dak ta' Awwissu 2011, u cioe' xhur qabel ma gie notifikat bir-rikors guramentat. *Se mai* din ix-xhud ikkonfermat li l-intimat ma hallasx dak li hu dovut u li kien lura fil-pagamenti tieghu ghal xhur shah. Pero' dan ma jfissirx li l-istess intimat ma kellux mezzi sabiex jintavola r-risposta guramentata tieghu proprju minhabba l-fatt li hu hallas xi dejn tal-komunjoni. Tant hu hekk, li l-intimat jonqos milli jgib xi forma ta' prova dwar x'dejn seta' hallas sabiex allegatament sab ruhu f'sitwazzjoni fejn ma kellux flus bizzejjed sabiex jintavola r-risposta tieghu.

Tenut kont ta' dak suespost, il-Qorti tirrileva li kien l-intimat stess li gab ruhu fis-sitwazzjoni fejn il-konjugi A kellhom jintavolaw mandat ta' sekwestru kontih u dan kif spjegat aktar 'il fuq (*stante* li kien rizultat dirett tal-mandati li l-intimat stess intavola kontra l-istess konjugi A, u cioe' l-genituri tar-rikorrenti). Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo**[1] fejn gie dikjarat li sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, ma jridx ikun hemm element ta' *culpa* da part ital-istess intimat izda jrid necessarajament ikun hemm element li permezz tieghu verament juri li kien hemm kawza legittima (u cioe' ***una ragione indipendente dalla volonta' di chi e' chiamato a subire, o necessita' impellante di chiamata ad altri doveri imprescindibili***[2]) ghal tali nuqqas ta' prezentata ta' risposta fit-terminu impost. Il-Qrati taghna dejjem sostnew li sabiex it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tigi milqugha, jrid ikun hemm sitwazzjonijiet invincibbli li kwazi jammontaw ghal sitwazzjonijiet tant straordinarji, u li kwazi jammontaw ghal *force majeur*. Dan qieghed jinghad ukoll in *linea* tal-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**[3] fejn il-Qorti tal-Appell

[1] Vol. XXIX.I. 1581 deciza nhar id-29 ta' Mejju 1937
[2] Callus vs Chircop (1926)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell 1995

esponiet il-fundament razzjonali ta' l-istitut tal-kontumacja, u allura wkoll il-parametri tieghu li ghandhom jigu interpretati b'mod strettissimu favur il-kontumacja. Fi kliem l-istess Qorti.

"….***Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta` fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa, anke ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata***."

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-intimat ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu abbazi tal-fatt li parti sostanzjali min-nuqqas ta' finanzi tieghu hija attribwibbli lilu stess, u tordna l-prosegwiment tal-kawza odjerna.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------